RIŻOLUZZJONI (UE) 2022/1810 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-4 ta' Mejju 2022

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (issa l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali — EUSPA) għas-sena finanzjarja 2020

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għas-sena finanzjarja 2020,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0117/2022),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ([1]), il-baġit finali tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2020 kien ta' EUR 35 449 479,85, li jirrappreżenta żieda ta' 5,54 % meta mqabbel mal-2019; billi l-baġit tal-Aġenzija huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni; billi r-rata tal-inflazzjoni kienet ta' 0,7 % fl-Unjoni fl-2020;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2020 (ir-"rapport tal-Qorti"), tistqarr li l-Qorti kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2020 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100,00 %, jiġifieri l-istess rata bħal fl-2019; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 83,38 %, li tfisser tnaqqis ta' 2,57 % meta mqabbla mal-2019;

2. Jinnota li minbarra l-baġit ewlieni tagħha, l-Aġenzija kompliet tiġġestixxi ammont kbir ta' baġit delegat, b'mod partikolari fil-qafas tal-użu tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS), l-użu ta' Galileo, u l-Ftehimiet ta' Delega ta' Orizzont 2020; jinnota wkoll li fl-2020 l-Aġenzija bdiet il-ġestjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni dwar l-azzjonijiet preparatorji ta' Govsatcom; jinnota wkoll li fl-2020 ġie impenjat l-ammont ta' EUR 402 000 000 fl-ambitu ta' baġit delegat u ġie mħallas l-ammont ta' EUR 753 000 000 f'pagamenti;

Prestazzjoni

3. Jinnota, fir-rigward tal-osservazzjonijiet ta' segwitu dwar l-interruzzjoni tas-servizzi Galileo fl-2019, li l-Aġenzija implimentat ir-rakkomandazzjonijiet fuq terminu qasir u medju kollha maħruġa mill-bord tal-akkreditazzjoni tas-sigurtà tagħha; jinnota wkoll li l-Aġenzija implimentat il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet fit-tul, iżda hija mistennija tapplika l-osservazzjonijiet li fadal sal-aħħar tas-sena 2021, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni tat-tielet Faċilità għall-Ipproċessar tas-Sinkronizzazzjoni Orbitali u ż-żamma tal-validazzjoni u tat-trasferiment tal-katina operattiva; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi f'dak ir-rigward;

4. Jinnota li, minkejja l-isfidi maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19, l-Aġenzija ddikjarat bħala operattiv is-Servizz ta' Konferma tas-Sinjali ta' Galileo; jinnota li l-Aġenzija introduċiet b'suċċess il-mekkaniżmu tat-tagħbija EGNOS GEO-3 fl-2020;

([1]) ĠU C 114, 31.3.2021, p. 107.

5. Ifakkar li, skont ir-Rapport Speċjali 22/2020 tal-Qorti dwar il-Futur tal-Aġenziji (ir-"Rapport Speċjali tal-Qorti"), l-Aġenzija għandha awtonomija limitata ħafna fil-prattika fir-rigward tal-kompitu ewlieni tagħha li hu l-isfruttament tas-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita Galileo skont ftehim ta' delega mal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina l-awtonomija tal-Aġenzija b'mod partikolari fir-rigward tal-kompetenzi tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' delega permezz ta' għadd ta' kuntratti kumplessi mas-sħab industrijali u l-entitajiet tas-settur pubbliku; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi f'dan ir-rigward;

6. Jinnota li, fir-rigward tal-osservazzjonijiet ta' segwitu mis-snin preċedenti, l-Aġenzija adottat srateġija ġdida tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (tal-ICT) u strateġija tas-sigurtà tal-ICT, kif ukoll politika ta' sigurtà tal-ICT u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħha fit-tieni kwart tal-2020; jinnota wkoll li f'Awwissu 2020 l-Aġenzija approvat programm ta' trasformazzjoni diġitali, anke b'rabta mat-trasformazzjoni mill-Aġenzija tal-GNSS Ewropea għall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA), bil-għan li timmodernizza l-ambjent tax-xogħol tal-Aġenzija, testendi l-possibbiltajiet ta' telexogħol b'informazzjoni klassifikata tal-UE, u tiżviluppa applikazzjonijiet moderni li jappoġġaw l-attività prinċipali, flimkien ma' żieda fil-livell ta' sigurtà li hija riflessa fl-aspirazzjoni li jiġu stabbiliti kapaċitajiet ta' difiża ċibernetika 24/7 flimkien mas-sistemi modernizzati l-ġodda;

7. Jinnota li, skont ir-Rapport Speċjali tal-Qorti, jeħtieġ li l-Aġenzija ttejjeb b'mod sinifikanti l-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Membri, aġenziji oħra u internazzjonalment; jistieden lill-Aġenzija tibni kooperazzjoni u kondiviżjoni aħjar tal-għarfien mal-Istati Membri kollha; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi f'dan ir-rigward;

Politika dwar il-persunal

8. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2020, it-tabella tal-persunal kienet implimentata kompletament, bil-ħatra ta' 150 aġent temporanju minn total ta' 150 aġent temporanju awtorizzat mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla ma' 139 post tax-xogħol awtorizzat fl-2019); jinnota li, barra minn hekk, 65 aġent kuntrattwali u 7 esperti nazzjonali sekondati ħadmu għall-Aġenzija fl-2020;

9. Jinnota bi tħassib il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-maniġment superjuri tal-Aġenzija, bi tliet postijiet minn tlieta (100 %) koperti minn irġiel u fil-bord amministrattiv tal-Aġenzija, l-irġiel ikorpu 24 post minn 28 (85,7 %); barra minn hekk, jinnota bi tħassib in-nuqqas tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost il-persunal ġenerali tal-Aġenzija, fejn 135 minn 202 (66,8 %) huma rġiel; japprezza l-isforzi tal-Aġenzija biex ittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri minn 7 % fl-2017 għal 33 % fl-2020 tar-rappreżentanti nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali superjuri; itenni t-talba tiegħu lill-Aġenzija biex tieħu miżuri addizzjonali malajr kemm jista' jkun bil-għan li tiżgura bilanċ aħjar bejn il-ġeneri fi ħdan il-maniġment superjuri tagħha; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-importanza li jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri meta jinnominaw lill-membri tagħhom fil-bord amministrattiv tal-Aġenzija; ifakkar lill-Aġenżija li, fl-għażla tal-kandidati, huma importanti kemm il-ħiliet, l-għarfien u l-esperjenza kif ukoll il-bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri fost il-persunal;

10. Jiddispjaċih, fir-rigward tas-segwitu tal-osservazzjonijiet għall-kwittamza tal-2019, għall-iżbilanċi ġeografiċi persistenti fil-kompożizzjoni tal-persunal tal-Aġenzija, speċjalment fil-livelli tal-maniġment intermedju u superjuri; jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi rappreżentanza xierqa ta' nazzjonalitajiet mill-Istati Membri kollha, filwaqt li fl-istess ħin tirrispetta l-kompetenzi u l-merti tal-kandidati kif indikat fl-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali;

11. Jinsab imħasseb li l-Aġenzija qed issibha diffiċli biex tirrekluta persunal bl-għarfien espert tekniku meħtieġ u sabiex tikkumpensa għal nuqqas ta' postijiet jew esperti nazzjonali, l-Aġenzija qed testernalizza dejjem aktar kompiti ewlenin lil kuntratturi privati, li mbagħad taf tispiċċa tiddependi fuqhom; jistieden lill-Kummissjoni teżamina s-sitwazzjoni bir-reqqa u tipprovdi lill-Aġenzija l-mezzi meħtieġa biex tirrekluta l-persunal meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar din il-kwistjoni;

12. Jinsab imħasseb dwar id-daqs kbir tal-bord ta' tmexxija tal-Aġenzija peress li dan irendi t-teħid ta' deċiżjonijiet diffiċli u jiġġenera spejjeż amministrattivi konsiderevoli;

13. Jiddispjaċih li s-CVs kollha tal-membri tal-bord amministrattiv għadhom ma ġewx ippubblikati fis-sit web tal-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjonijet meħuda f'dan ir-rigward;

14. Jinnota li, wara n-negozjati fl-2020 li wasslu għall-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Aġenzija ġiet ittrasformata fl-EUSPA f'Mejju 2021 b'sett akbar ta' kompiti ewlenin u delegati u dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva korrispondenti ġdida għall-EUSPA; jinnota li din it-trasformazzjoni tinkludi rilokazzjoni ta' 251 aġent temporanju u 34 persunal kuntrattwali sal-2023; jinnota li l-bidliet jistgħu jfixklu t-teħid ta' deċiżjonijiet u jiġġeneraw spejjeż amministrattivi konsiderevoli; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riskji għall-funzjonament tal-Aġenzija u l-miżuri ta' mitigazzjoni meħuda mill-Aġenzija;

15. Jilqa' l-isforzi li saru fil-politika tal-persunal biex jiġu mħeġġa t-telexogħol u ħajja sana u jkompli jinkoraġġixxi lill-Aġenzija ssegwi l-iżvilupp ta' qafas ta' politika fit-tul dwar ir-riżorsi umani li jindirizza l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida u l-iżvilupp tal-karriera tul il-ħajja, il-bilanċ bejn il-ġeneri, it-telexogħol, il-bilanċ ġeografiku u r-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità;

Akkwist

16. Jinnota li, bejn l-2017 u l-2020, l-Aġenzija mmaniġġjat b'kollox ħames proċeduri ta' akkwist li jinkludu l-proġetti DISPATCH u PRISMA; jilqa' l-fatt li fl-2020, 100 % tal-kuntratti ppjanati tal-Aġenzija kienu operattivi u fil-ħin;

17. Jinnota, fir-rigward tas-segwitu tas-sejbiet tal-Qorti tas-sena preċedenti, li l-Aġenzija ħadet passi biex timplimenta l-moduli tal-akkwist elettroniku u tas-sottomissjoni elettronika ta' offerti bħala għodod tal-akkwist fil-ġestjoni tal-attivitajiet tagħha, b'referenza partikolari għall-akkwist amministrattiv li jista' jiġi implimentat permezz ta' offerti miftuħa; jinnota li l-Aġenzija pprovdiet taħriġ speċifiku u twettqu l-formalitajiet amministrattivi għall-użu tagħhom; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi f'dan ir-rigward;

Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitti ta' interess u trasparenza

18. Jagħraf il-miżuri eżistenti tal-Aġenzija u l-isforzi kontinwi biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess; jinnota li l-Aġenzija kellha każ wieħed ta' żvelar ta' informazzjoni protetta matul l-2020 li kien jinkludi rapporti ta' żvelar simili u ripetuti ta' irregolaritajiet lil diversi partijiet ikkonċernati; jinnota li l-każ irriżulta f'investigazzjonijiet li fihom id-dikjarazzjonijiet żvelati ta' irregolaritajiet instabu li ma kinux sostanzjati;

Kontroll intern

19. Jinnota mis-segwitu u mir-rapport tal-Qorti li hemm riskju li l-pagamenti tal-Aġenzija lill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi EGNOS u GALILEO jistgħu jiġu kkalkulati abbażi ta' spejjeż mhux preċiżi minħabba n-nuqqas ta' strateġija *ex ante* jew *ex post* komprensiva; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija rigward il-kontrolli *ex ante* li l-Aġenzija pprovdiet lill-Qorti b'metodoloġija aġġornata ta' rappurtar tal-ispejjeż u wriet ukoll li tuża ċ-ċertifikati ta' twettiq ta' stadji importanti mill-ESA biex tirrikonċilja l-ispejjeż iddikjarati mill-ESA; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija li fir-rigward tal-istrateġija ta' kontroll *ex post*, l-Aġenzija u d-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju qed jivverifikaw l-attività tal-ESA fl-2020; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta r-riżultati ta' dan l-awditu u tinkorpora t-tagħlimiet meħuda minnu fi strateġija *ex post* futura;

20. Jilqa' l-implimentazzjoni tal-qafas ta' kontroll intern tagħha u l-approvazzjoni tal-pjan ta' kontinwità tal-operat tagħha fl-2020, li kien is-suġġett ta' inkjesti ta' segwitu mill-Qorti mill-2015;

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

21. Jinnota li s-servizz tal-awditjar intern (IAS) tal-Kummissjoni ressaq rapport tal-awditjar dwar l-Isfruttament tal-EGNOS f'Novembru 2019 b'ħames rakkomandazzjonijiet importanti u kwistjoni waħda identifikata biex tiġi kkunsidrata; jinnota mir-risposta tal-Aġenzija li r-rakkomandazzjonijiet għadhom pendenti għar-rieżami tal-IAS; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar f'dak ir-rigward;

22. Jinnota, fir-rigward tal-azzjonijiet tal-Aġenzija għal segwitu tal-kwittanza 2019 tal-awtorità ta' kwittanza, li l-kapaċità tal-awditjar intern wettqet awditu tal-"Bini tal-Kapaċitajiet tal-persunal tal-GSA" fl-2019 u, għalkemm ir-rapport ma ġiex iffinalizzat fl-2019, kien ippjanat li jiġu inklużi rakkomandazzjoni importanti ħafna u erba' rakkomandazzjonijiet importanti; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet;

Rispons għall-COVID-19 u kontinwità tal-operat

23. Jinnota li l-avvenimenti esterni tal-Aġenzija tmexxew online, u r-restrizzjonijiet fiżiċi imposti mill-pandemija tal-COVID-19 inbiddlu f'opportunità biex jintlaħqu komunitajiet ta' utenti ġodda u ssir globali, kif kien il-każ għall-Pjattaforma ta' Konsultazzjoni għall-Utenti u l-Ġimgħa Spazjali Ewropea annwali, li attiraw aktar minn 3 000 parteċipant minn aktar minn 100 pajjiż;

Kummenti oħra

24. Ifakkar fl-importanza li tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija f'termini ta' operazzjoni u ġestjoni interni iżda wkoll sabiex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Aġenzija tkompli tkun proattiva f'dan ir-rigward sabiex jiġi evitat distakk diġitali bejn l-aġenziji akkost ta' kollox;

25. Jinnota mir-risposti tal-Aġenzija għar-rapport ta' kwittanza tal-Aġenzija għall-2019 li fl-2020 l-Aġenzija implimentat sett ta' miżuri biex iżżid iċ-ċibersigurtà, inkluż l-eżekuzzjoni tal-programm Splunk Enterprise Security, l-adozzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà tal-ICT tagħha u l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni tal-Apparat Mobbli, li hija bbażata fuq Microsoft Intune;

26. Jinnota mir-risposti tagħha għall-kwestjonarju standard tal-Parlament li l-Aġenzija qed tistabbilixxi għadd ta' miżuri biex tiżgura spazju tax-xogħol sostenibbli u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent bħall-parteċipazzjoni fil-qafas kuntrattwali u ta' koordinazzjoni tal-Iskema ta' Mmaniġġjar Ambjentali u ta' Awditjar, l-implimentazzjoni ta' prattiki ta' riċiklaġġ u l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mal-ambjent fil-kuntratti l-ġodda kollha;

27. Jinnota li l-Aġenzija qed tfittex bini ġdid għall-kwartieri ġenerali tagħha fi Praga; jinnota li siti oħra għall-Aġenzija fi Franza u fi Spanja huma fil-fażi ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni; jinnota li l-Aġenzija tirrapporta li ssegwi l-istandards ambjentali nazzjonali u l-metodoloġija l-aktar reċenti għal dawn il-proġetti ta' rinnovazzjoni u kostruzzjoni;

28. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Mejju 2022 ([3]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([3]) Testi adottati, P9_TA(2022)0196.